Minuti tal-Laqgħa Nru. 35 tas-Sitt Kunsill Lokali ta' Ħal Luqa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv nhar it-Tlieta, 17 ta' Frar 2015 fil-5.30 p.m.

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | il-Membri |
| Sindku | Is-Sur. John Schembri |
| Viċi Sindku | Is-Sur. Joseph Scicluna |
| Il-Kunsilliera | Is-Sur. Victor Caruana<br>Is-Sur. Christian Falzon<br>Is-Sur. Joseph Camilleri<br>Is-Sinjura. Lucia Massa<br>Is-Sinjorina. Christina Sammut |
| Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur. Michael Portelli |

## AĠENDA

---

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti
2. Punti Imqajjma mill-Minuti
3. Korrispondenza
4. Approvazzjoni tal-Ħlasijiet
5. Aġġornament

## 1.0 QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1 Il-minuti ġew approvatti b' vot unanimu.

## 2.0 PUNTI IMQAJJMA MILL-MINUTI

2.1 Ma kien hemm l-ebda punti imqajjma mill-minuti.

## 3.0 KORRISPONDENZA

3.1 Is-Sindku qara email li kienet waslet fuq konferenza dwar sustainable development fejn appella lill-Kunsilliera biex minn jista jattendi.

3.2 Is-Sindku qal li wara diversi diskussjonijiet li huwa kellu m' uffiċċjali tat-Transport Malta inħarġet pjanta fuq it-traffic management għall Wesgħet il-Vittmi tal-Gwerra fejn huwa ippreżentaha quddiem il-Kunsilliera.

3.3 Il-Kunsillier Caruana qal li quddiem Thomas Smith kellha issir central strip. Huwa qal li jibqa xi periklu għal dawk li jkunu deħlin minn Triq il-Mitjar għal Wesgħet il-Vittmi tal-Gwerra.

3.4 Il-Kunsilliera qablu mal-prinċipju li għandu jkun hemm traffic management fiż-żona. Il-Kunsillier Falzon semma li huwa tal-fehma li għandu jkun hemm iż-żebgħa qabel li isservi bħala prova u naraw minn hemhekk.

3.5 Is-Sindku qal illi jidher li fil-prinċipju kulħadd jaqbel li għandu jsir traffic management f' dik l-area minħabba l-periklu li jeżisti. Madanakollu huwa tal-fehma li għandu jsir diskussjoni wiesa' ma dawk ir-residenti ta l-inħawi qabel il-Kunsill jgħaddi għal deċiżjoni finali. Il-Kunsilliera qabla mal-proposta tas-Sindku.

3.6 Il-Viċi Sindku, u l-Kunsilliera Massa, Sammut, Caruana kienu favur il-pjanta filwaqt li l-Kunsillier Camilleri u Falzon kienu kontra l-pjanta kif proposta minn Transport Malta.

## 4.0 APPROVAZZJONI TA' ĦLASIJIET

4.1 Il-Kunsillier Camilleri saqsa x intefaq dwar id-Daycentre. Is-Segretarju qal li matul is-sena l-oħra intefqu madwar € 26,000 imma huwa se jlesti statement item b' item ta xiex kienu intefqu l-flus.

4.2 Is-Sindku qal li kien hemm żewġ stimi mill-Perit Daniel Cordina fuq il-Bandli waħda biex jitranġa l-post kif inhu u oħra jekk ikun hemm espansjoni. Il-Kunsillier Caruana saqsa fuq il-kontijiet tal-Perit għax huwa qal li dawn huma għoljin. Is-Sindku qal li għandu jkellem lill-Perit dwar dak li ntqal fil-laqgħa.

**5.0 AĠĠORNAMENT**

Il-laqgħa ġiet fi tmiemha nhar it-Tlieta 17 ta' Frar 2015 fis-6.20 pm. Huwa informa lill-Kunsilliera li issa kienet se ssir il-laqgħa annwali tal-lokalita fejn se tingħata statement tal-ħidma u l-baġitt. Ma kienx hemm data proposta għal laqgħa li jmiss.

Konfermati llum ________________________ 2015.

| | |
|---|---|
| ______________________ | ______________________ |
| John Schembri | Michael Portelli |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |